**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 t' Ottubru, 2019**

**Talba Numru: 23/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 29**

**Stereovision Sales & Services Limited (C40325)**

**Wignacourt Street,**

**Birkirkara**

**Vs**

**Mirale and Lamare Limited (C72767)**

**8, Antonio Miruzzi Street,**

**Mosta MST 3802**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu talbet lis-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef tmien mija wiehed u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€3,891.71c) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' merkanzija u servizzi rezi fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta liema somma baqghet ma thallsitx.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, s-socjeta' konvenuta ma

kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher hadd ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef tmien mija u wiehed u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€3,891.71c) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**